# IL-LIBRERIJA PUBBLIKA TAL-KATIDRAL

## *għoxrin sena mit-twaqqif tagħha*

Il-Librerija Pubblika tal-Katidral ta' Għawdex ilha għal dawn l-aħħar għoxrin sena toffri servizz ta' self ta' kotba lil-gżira ta' Għawdex. Il-bidu ta' din il-librerija jmur lura għas-snin sebgħin meta dak iż-żmien l-Arċidjaknu tal-Katidral, Mons. Dun Pawl Cauchi (1896-1980) kien ta l-kotba tiegħu lill-Knisja Katidrali biex tiġi ffurmata l-librerija tal-Katidral. Dan jixduh id-diversi skrizzjonijiet li ħalla fuq il-kotba li ta lill-istess knisja.

Fuq insistenza ta' Rev. Fr. Anthony Mercieca, l-Arċipriet ta' dak in-nhar Mons. Carmelo Scicluna għaqqad il-kotba ta' l-Arċidjaknu flimkien ma' kotba oħrajn mogħtija minn diversi benefatturi biex nhar it-22 ta' Diċembru, 1979, setgħet tittieħed il-Librerija Pubblika fl-uffiċju tal-Amministrazzjoni tal-Katidral. Fattur ieħor li seta' affetwa biex tittieħed din id-deċizzjoni kienet ir-riżoluzzjoni li ttieħdet fil-Kungress Pastorali ta' 1975 li kienet tgħid li *F' kull parroċċa għandha titwaqqaf librerija parrokkjali mgħammra b'kotba u rivisti interessanti fejn iż-żgħażagħ itejbu l-kultura tagħhom.*

Mill-1979 sal-ġurnata tal-llum il-Librerija Pubblika tal-Katidral għaddiet minn diversi fażijiet li għinuha tilħaq l-għan tagħha. Hekk insibu li l-librerija tant baqgħet tikber u tiżviluppa b'rata mgħaġġla li nhar is 7 ta' Awwissu, 1987, Mons. Isqof Nikol Gużeppi Cauchi inawgura sala ikbar fiċ-Ċentru Parrokjali mnejn baqgħet topera sa' l-1999. Minħabba ix-xogħol strutturali li kien progettat li jsir fiċ-Ċentru Parrokjali tal-Katidral, il-librerija ġiet trasferita f'żewġ *flats* fi Triq Qasam San Ġorġ li ġew mixtrija għal ta' apposta. L-inawgurazzjoni ta' dan il-bini ġdid saret fit-8 ta' Awwissu 1999 mill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onor. Anton Tabone.

Matul dawn l-għoxrin sena l-librar ewlieni ta' din il-librerija kien is-Sur Anton Farrugia. Grazzi għall-ħidma tiegħu, illum il-ġurnata il-Parroċċa tal-Katidral għandha waħda mill-aħjar libreriji f'Għawdex bin-numru ta' kotba u ġurnali jammonta għal 80,000. Fl-1996, il-Parroċċa tal-Katidral onorat lil Anton Farrugia bil-midalja 'Ġieħ il-Parroċċa', bħala rikonoxximent tal-ħidma li wettaq.

Il-maġġoranza tal-kotba għadhom jaslu mill-Amerika, mingħand Fr. Anthony Mercieca, benefattur ewlieni. Kontribuzzjonijiet ta' kotba jiġu mogħtija reġolarment mingħand diversi persuni li għandhom għal qalbhom din il-librerija. Matul l-għoxrin sena li ilha nwaqqfa l-librerija, kienu organizzati diversi korsijiet. Bin-numru ta' studenti dejjem jiżdied, speċjalment dawk universitarji, il-librerija speċjalizzat f'diversi oqsma terzjarji b'konsegwenza li ma baqgħetx tagħti servizz lill-parruċċani biss, iżda bdiet isservi lil Għawdex kollu.

